Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

7 ta' Diċembru, 2012

**ATT Nru. XXVI tal-2012**

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni.*

Il-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'dan li ġej:-

Titolu fil-Qosor. Kap.327.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni u għandu jinqara u tiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Edukazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem msejjaħ "l-Att prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 72 tal-Att prinċipali, għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Personalità ġuridika tal-Università.

"72A. L-Università hija korp magħqud li jkollha personalità ġuridika u distinta u li tkun tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, tikseb, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, jew li tħarrek jew li tiġi mħarrka, u li tagħmel dawk l-affarijiet u dawk l-operazzjonijiet kollha li huma inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 534 tas-6 ta' Diċembru, 2012.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

VERŻJONI ELETTRONIKA



I assent.

**(L.S.)** GEORGE ABELA
President

7th December, 2012

## ACT No. XXVI of 2012

*An ACT to amend the Education Act.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: -

Short Title.
Cap. 327.

**1.** The title of this Act is the Education (Amendment) Act, 2012 and it shall be read and construed as one with the Education Act, hereinafter in this part referred to as "the principal Act".

Addition of new article to the principal Act.

**2.** Immediately after article 72 of the principal Act there shall be added the following new article:

"Legal Personality of the University.

72A. The University shall be a body corporate having a distinct legal personality and shall be capable, subject to the provisions of this Act, of entering into contracts, of acquiring, holding and disposing of any kind of property for the purposes of its functions, of suing and being sued, and of doing all such things and entering into all such transactions as are incidental or conducive to the exercise or performance of its functions under this Act.".

VERŻJONI ELETTRONIKA



Passed by the House of Representatives at Sitting No. 534 of the 6th December, 2012.

MICHAEL FRENDO
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk to the House of Representatives*